# (II) Luċjan il-kaċċatur

Sitt snin minn mewtu



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-artiklu ta' dis-sena ser nitkellmu fuq xi delizzji u sport li kien iħobb jipprattika Luċjan fil-ħin liberu tiegħu. Kif jaf kulħadd, il-kaċċa minn dejjem kienet ħafna għall-qalb il-Ġiljaniżi. Dan għaliex, sa minn żmien il-Kavallieri tal-Ordni, San Ġiljan kellu firxa kbira ta' raba' u xagħri, miżgħud b'kull kwalità ta' siġar li qatt tista' timmaġina. Fihom kienu jistrieħu l-għasafar waqt li jpassu għatxana u għajjiena mejta minn fuq il-gżejjer Maltin. Tista' tgħid li, f'kull dar Ġiljaniża kont issib xi senter. Fost dat-talin insibu lil Salvu Cefai li għal ħafna żmien kien is-sagristan tal-knisja l-qadima fi żmien il-kappillani Bonanno, Debono u Grech. Kien hemm saħasitra qassisin li servew bħala kappillani fil-parroċċa li kienu wkoll kaċċaturi akkaniti, fosthom Dun Guido Calleja u Dun Ġwann Galea, li inċidentalment, it-tnejn huma wkoll kompożituri ta' mużika sagra. Ukoll, fi żmien il-parrokat ta' Dun Tony Agius daħlet il-famuża sparatura *in bianco* minn fuq il-bejt tal-knisja waqt l-ħruġ tal-vara nhar il-festa. Das-salut bl-iskrataċ mimlijin biss biż-żigarelli bl-ilwien Ġiljaniżi joħloq effett tassew sabiħ, u li hu wieħed mill-attrazzjonijiet ewlenin f'dil-festa.

Kliem muftieħ: San Ġiljan, Luċjan Pullicino (attur), Anġlu Pullicino (surmast), Knisja ta' Lapsi (San Ġiljan), Balluta March, Għaqda Każini tal-Banda, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Soċjetà Mużikali 'Spinola' (San Ġiljan), Każin Banda 'San Ġiljan' (San Ġiljan).

3. *Sbejjaħ ħafna kien Ġiljanu,*
*U tal-kaċċa kien namruż:*
*Għal ġol-bosk kont tarah sejjer,*
*Wara ċ-ċriev jiġri w isus.*

Il-ħajja ta' San Ġiljan l-Ospitaljer (Luċjan Pullicino, poeżija tal-1951)



Is-subborg marittmu ta' San Ġiljan beda bi ftit igriebeġ u dam ħafna snin ma żviluppa f'raħal. Dak iż-żmien, l-inħawi kienu mimlijin biss bis-siġar iħaddru tal-ħarrub, bajtar tax-xewk, u dwieli kemm tara b'għajnejk. Hu mifhum li meta l-Ordni ta' San Ġwann bdiet tibni torrijiet[1] u trunċieri matul il-kosta kollha ta' Malta fis-seklu sbatax, xi raħħala tħajru jibnu xi għorfa viċin il-knisja l-qadima ddedikata lil San Ġiljan. Dan ifisser li dar-raħal daqstant ċkejken, bil-ftit abitanti li kellu, kien okkupat fil-biċċa l-kbira tiegħu minn sajjieda, bdiewa kif ukoll kaċċaturi, b'uħud minnhom forsi bil-familji tagħhom. Jingħad li l-kappella ta' San Ġiljan kienet ġiet mibnija minn xi kavalleri ta' San Ġwann biex taqdihom fil-ħtiġiet spiritwali tagħhom kull meta kienu jinzertaw għall-kaċċa fl-inħawi msemmija. Huma ddedikaw il-kappella lil dal-qaddis peress li hu wkoll protettur tal-kaċċaturi. Barra mill-kappella jidher li l-kavallieri, flimkien ma' xi

[1] It-torri ta' San Ġiljan li jinsab f'Tas-Sliema hu wieħed mit-tlettax-il torri li kienu nbnew mill-Granmastru De Redin fis-snin 1657-8 bil-għan li jsaħħaħ id-difiża tal-gżejjer Maltin.

Maltin għonja, bnew ukoll xi loġoġ bħala dwejriet biex setgħu jgħammru fihom waqt żmien il-kaċċa.

*Is-salut mill-kaċċaturi*



It-tip ta' salut li ta' kull sena jingħata mill-kaċċaturi lill-vara ta' San Ġiljan waqt il-ħruġ tagħha mill-knisja hu replika ta' dak li kien isir fl-antik nett qabel il-miġja tal-logħob tan-nar fostna. Did-drawwa aktarx li nbdiet fis-seklu ħmistax min-nies tad-Dejma[2] li kienu jisparaw tirimbjank minn xkubetta apposta li soltu kienet tiġi kkargata minn balla normali bil-porvli mill-quddiem tal-kanna. Is-suldati li kienu jużaw dit-tip t'arma tan-nar kienu jissejħu muskettieri. Minn din il-kelma imbagħad tnisslet il-kelma musketterija. Fl-istampa tal-ġenb naraw muskettier bil-forċina f'idu. Din kien jużaha biex fuqha jserraħ il-muskett, tip ta' arkibus li kien ilaħħaq iż-żewġ metri. Did-drawwa li jingħataw tiri fl-arja bħala salut baqgħet għal mijiet ta' snin minsija sakemm fl-1983 grupp ta' kaċċaturi reġgħu rxuxtawha fuq inizjattiva ta' Dun Tony Agius, li dak iż-żmien kien il-kappillan ta' San Ġiljan. Huma jieħdu ħsieb, kemm biex jorganizzaw dil-isparatura, kif ukoll biex jikkargaw l-iskrataċ imbjank li jintużaw waqt iċ-ċerimonja. Ħafna dilettanti tal-kaċċa jsostnu li din hija ħaġa xierqa li l-kaċċaturi għadhom isellmu bis-snieter tagħhom lill-Qaddis Patrun tal-kaċċaturi fl-istess post li twieldet din id-drawwa.



Il-kaċċa kienet proprju waħda mid-delizzji li kellu Luċjan. Fir-ritratt tal-ġenb jidher Luċjan, it-tielet wieħed mix-xellug, bis-senter taħt abtu u t-tazza tal-fidda f'idu x-xellugija wara li kien rebaħ il-gara tal-isparar fuq il-plattini. Luċjan kien dilettant sew tal-kaċċa u s-sajd. Ir-ritratt ittieħed xi mkien l-Imsieraħ dakinhar tal-Festa tal-Qalb ta' Ġesù. Miegħu jidhru wkoll, żgħazagħ kaċċaturi, fosthom Ġiġi, l-ewwel wieħed mix-xellug, iben Pawla, li jingħad li kienet mara sabiħa u qawwija. Ġiġi u ħutu kienu jaħdmu kollha fil-ġebel. Luċjan jidher bil-beritta f'rasu. Kellu mustaċċi żgħir qisu xkupilja tas-snien bħal dawk li kienu jġorru artisti kbar taċ-ċinema, fosthom Charlie Chaplin[3]. Dit-tazza, Luċjan kien ħadha d-dar tiegħu u poġġieha quddiem ix-xbieha tal-Qalb ta' Ġesù bħala ringrazzjament. Luċjan, bħala wieħed li kien dilettant sewwa ta' dal-isport, fil-poeżija tiegħu miktuba fl-1955 bl-isem ta' *L-għajta tagħna l-Ġiljaniżi – lill-qaddis ospitalier San Ġiljan* hekk kien iddeskriv lill-San Ġiljan: ***Kaċċatur l-iżjed qalbieni*** / *U gwerrier fost it-tiġrib* / *Għamilt int l-ikbar vittorja* / *Kontra l-għadu tas-salib*. Carmen, bint Luċjan, irrakkuntatli li meta kienet għadha tifla tmur l-iskola mhux l-ewwel darba wkoll li akkumpanjat lil missierha meta dan kien jiftillu jmur għall-kaċċa ħafna kmieni filgħodu ma' sħabu rġiel – xi ħaġa li totalment ma kienx jaqbel magħha ħuh Anġlu minħabba l-perikli li dad-delizzju seta' jġib miegħu.

---

[2] Qabel l-1462 din kienet tissejjaħ il-Milizja. Xogħolha kien li tippreteġi lin-nies tal-irħula minn xi ħbit għall-għarrieda mill-furbani. Din kienet tingaġġa rġiel ta' minn sittax-il sena 'l fuq biex bejniethom jiffurmaw speċi ta' armata żgħira. Ħafna drabi, dawn kienu jkunu rinfurzati mill-gwardja tal-Imdina peress li ma kienx ikun fihom suldati biżżejjed biex jilqgħu lill-għadu weħidhom.

[3] Skont bintu Carmen, ġieli wkoll kien iħalli il-mustaċċi bħal ta' Errol Flynn.

*Il-logħba tal-petanka*

10. *Tim tal-boċċi jiena kelli,*
*Semmejtu għal San Ġiljan,*
*Tazza sabiħa it-tim rebaħ,*
*Magħna kellna xi anzjan.*

11. *Il-kappillan Anton Debono,*
*Fuq l-artal sejħilna dan,*
*Tajnieh it-tazza li rbaħna,*
*Qegħidha fin-niċċa ta' San Ġiljan.*

12. *Ċapċip kbir, nies mimlija,*
*Kien sar fil-knisja ta' Lapsi,*
*Għal min għandu għomor bħali,*
*Intkom lilu morru staqsi.*

San Ġiljan, inħobbok Ħafna! (2002)

B'xi mod, il-logħob tal-boċċi wkoll jidher li daħal fostna mill-kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Infatti, il-Mall[4] tal-Furjana kien inbena apposta għalihom biex fih setgħu joqogħdu jilagħbu l-logħba Franċiża *paille-màille*[5]– logħba li kienu jiġġennu għaliha. Dal-ġnien kien bnihulhom il-Gran Mastru Lascaris fl-1656 biex il-kavallieri ma jibqgħux jilagħbuha quddiem il-bereġ u fit-triqat biex ma joqogħdux joqltu u jdejqu lin-nies. Dil-logħba kienet tikkonsisti filli tolqot ballun żgħir tal-injam b'mazza twila u mill-bogħod trid timmirah lejn ħadida f'forma ta' nagħla mwaħħla rasha 'l isfel mal-art biex jgħaddi minn ġo fiha.[6] Meta mbagħad ġew l-Ingliżi, dil-logħba saret ferm aktar popolari, anki jekk din kienet diġà teżisti qabel il-miġja tagħhom. Għall-bidu, din kienet tintlagħab l-aktar fin-naħa t'isfel ta' Malta, imma mbagħad malajr infirxet ukoll lejn it-tramuntana tal-pajjiż. Dal-isport kien jintlagħab aktarx bħala delizzju biss u mir-rebħ tiegħu dak li jkun kien jingħata xi flixkun birra, biċċa ċikkulata jew forsi l-aktar, xi fenkata.



Fiż-żmien li Luċjan kien membru tal-A.K., minbarra l-impenji tiegħu bħala direttur tal-palk u tal-orkestrina, kien iħobb jipprattika dal-isport ukoll. Fil-fatt, fil-ħarġa Nru 5 Sena I, Settembru 1949 tal-fuljett *Xaqq Dawl*, insibu li t-tim tal-boċċi ta' San Ġiljan, li tiegħu Luċjan kien *Captain*, rebaħ il-league tas-*II Division* wara li hu kien laqat il-likk [7] u assigura r-rebħa lit-tim tiegħu. Dir-rebħa ġiet irreġistrata wkoll f'poeżija twila li Luċjan stess kien kiteb ħafna aktar tard matul ħajtu fl-2002, u li minnha qed nislet it-tliet strofi t'hawn fuq. Minn dil-kwotazzjoni nsiru nafu li mat-tim ta' Luċjan kien hemm ukoll xi anzjan li ma nafux ismu imma li jidher li kien t'akkwist tajjeb minħabba l-esperjezenza li kellu f'dat-tip ta' logħob. Jidher li dir-rebħa tant qajmet entużjażmu, mhux biss fost iż-żgħażagħ membri tal-A.K., iżda wkoll fost il-Ġiljaniżi, li t-tazza li kienu rebħu spiċċat tqiegħdet fin-niċċa ta' San Ġiljan fil-knisja parrokkjali l-qadima. Kien il-kappillan Dun Anton

[4] Fiċ-ċentru tal-belt ta' Londra wkoll hemm triq jisimha *The Mall*. Dan għaliex dil-logħba kien tintlagħab ukoll min-nies t'hemmhekk fi żmien ir-Re Charles II. F'parti oħra tal-istess belt kapitali hemm triq oħra jisimha wkoll *Pall Mall*, li ovvjament l-isem hu ġej mill-istess logħba Franċiża *paille-màille* tas-seklu sbatax. (Ref.: Ganado Herbert: *Jien inħobb nitkellem magħkom*, Vol. I, p. 432)

[5] Din il-logħba hija msejħa wkoll *croque*, jew *pallamaglio*, bit-Taljan.

[6] Ref. Morana Martin: *Bejn Kliem u Storja*, p. 149.

[7] F'dil-logħba, il-likk hija l-iżgħar boċċa u tkun tal-metall. Din titwaddab f'nofs il-piċċ u boċċi akbar jiġu mmirati lejha. Min iġib l-aktar boċċi qrib il-likk ikun it-tim rebbieħ.

Debono li sejjaħ lit-tim tal-boċċi biex jitla' fuq l-artal ħalli jippreżenta t-tazza tar-rebħ fost iċ-ċapċip tal-miġemgħa li ħonqot il-knisja.

*Logħob bil-ballun fuq l-art u fil-baħar*

4. *Mat-tim tal-futbol kont nilgħab,*
***St. Julians Deers** għal San Ġiljan,*
*Il-kaptan kien Joseph Tanti,*
*Bniedem serju u setgħan.*

5. *Is-**St. Julians Hotspur** kien tim ieħor,*
*Hemmhekk lili trid tarani,*
*Centre forward jew goalkeeper*
*Flokkijiet sbieħ sbieħ Belġjani.*

San Ġiljan, inħobbok Ħafna! (2002)



Mill-istess poeżija awtobijografika nsiru nafu wkoll li Luċjan kien jilgħab ma' żewġ timijiet tal-futbol Ġiljaniżi – dak tas-*St. Julians Deers*, li tiegħu Ġużi Tanti[8] kien il-kowċ, u l-ieħor bl-isem ta' *St. Julians Hotspur*. Ma' dat-tim Luċjan kien jilgħab *centre forward* jew *goal keeper* peress li kien bniedem irqiq u twil, u forsi wkoll ħafif fil-ġiri. Ma setax jonqos ukoll, li l-ismijiet tat-timijiet ma jkunux marbutin mal-qaddis tar-raħal, u bil-flokkijiet mil-lewn il-bandiera Belġjana. Skont l-istorja, it-timijiet tal-futbol qatt ma qabdu art sewwa f'San Ġiljan, u għad li minn żmien għall-ieħor sar xi rebħ minnhom, il-forti tal-Ġiljaniżi dejjem baqa' l-*waterpolo*. Madankollu, Luċjan jidher li qatt ma tħajjar għal dal-isport tal-baħar, imma fejn jidħol l-isport in ġenerali, dejjem kont issibu jissapportja lil dak il-klabb u l-ieħor. Infatti, Luċjan jiftakar tajjeb li meta t-tim tal-*Balluta WPC*[9] kien tela' fl-Ewwel Diviżjoni fl-1949, kienu marru jħabbtu l-bieb tad-dar tiegħu biex jitolbu lil ħuh Anġlu ħalli jiktbilhom marċ ta' malajr biex jkunu jistgħu jiċċelebraw dir-rebħa tant importanti għalihom. Il-marċ tgħammed bl-isem ta' *Balluta March* filwaqt li l-versi tiegħu Luċjan iddedikahom lil dat-tim 'Ta' Werwer'. It-triju tiegħu ttieħed mill-għanja tant popolari ta' *Lily Marlene*[10].




---

[8] Magħruf bħala 'Il-Priż'. Meta kien żgħir kien jilgħab il-futbol, imma aktar kien imħajjar lejn il-*waterpolo*. Fl-1942 kien għaqqad l-ewwel tim magħmul minn grupp ta' żgħażagħ bl-isem 'Ta' Werwer'. Kien ħa sehem f'xi lig li mbagħad xolja f'qasir żmien. Iżda Ġużi ma qatax qalbu u reġa' għaqqad tim ieħor tat-tfal u rnexxa tant li magħhom ingħaqad tim ieħor bl-isem ta' *Seagulls*. Fl-1949 ħadu l-isem ta' Balluta WPC, u minn hemm 'il quddiem kisbu diversi unuri bir-rebħ ta' għadd ta' kampjonati.

[9] Illum il-ġurnata sar jismu *San Ġiljan W.P.C.*

[10] Diska Ġermaniża t'imħabba li kisbet popolarità kbira matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-kliem tad-diska nkiteb fl-1915 waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija, u ġew ppubblikati fl-1937 taħt it-titlu *"Das Lied eines jungen Soldaten auf der Wacht"* (L-Għanja tas-Suldat Żagħżugħ fuq Għassa). Hi ġiet irrekordjata għall-ewwel darba minn Lale Andersen fl-1939 taħt it-titlu *"Das Mädchen unter der Laterne"* (It-Tfajla Taħt il-Fanal). Wara li n-Nazisti kienu ħadu lill-Jugoslavja fl-1941, ir-radju ta' Belgrad ħa l-isem ta' *Soldatensender Belgrad* biex seta' jallegra l-forzi tedeski; il-kanzunetta kienet tindaqq ta' spiss u saret popolari mal-Ewropa u l-Mediterran fost it-truppi kemm tal-Assi kif ukoll tal-Alleati.

*Sajd bl-imrejkba*

Luċjan kien ukoll dilettant tas-sajd. Skont bintu Carmen, missierha, flimkien ma' ħuh Anġlu, kienu jmorru jistadu n-naħa tal-Imġarr fejn jidher li kellhom xi mrejkba[11] dejjem tistenniehom. Kienu joħorġu fis-sebgħa ta' filgħaxija u ma jirritornawx qabel is-siegħa jew is-sagħtejn ta' filgħodu. Il-pjaċir tagħhom kien ikun meta jaqbdu xi ħuta kbira u xi żewġ qarnitiet żgħar u torja.

F'dit-tieni kitba mis-serje t'artikli ddedikati lil memorja ta' Luċjan Pullicino tajna ħarsa tajba lejn xi delizzji u sport li kien iħobb jipprattika fil-ħin ħieles tiegħu, fosthom il-kaċċa, il-logħob tal-boċċi, il-futbol u s-sajd. Fejn ħassejt li kien rilevanti, żidt ukoll xi tagħrif addizzjonali, speċjalment fejn jidħol logħob u drawwiet tradizzjonali. L-artiklu tas-sena d-dieħla ser jittratta wieħed mill-ħafna passatempi ta' xejra artistika ta' Luċjan fejn jidħlu statwetti devozzjonali u lavur ieħor, akkumpanjati bħal dejjem minn ritratti esklussivi li juru xi xogħlijiet oriġinali tiegħu.

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Ġiljaniżi fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Ġiljan li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fir-raħal li jġib l-istess isem, kif ukoll fl-okkażjoni tal-20 sena tal-orkestra tal-UoM 'Ġ.F. Abela' Junior College taħt id-direzzjoni tiegħi.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

*Errata corrige*: Bi żvista, fl-artiklu tas-sena l-oħra li deher f'paġni 85-91, nota nru 17, niżżilt Ottubru bħala x-xahar tat-twaqqif tal-Fergħat tal-Irġiel u tal-Ġuvintur tal-.A.K. San Ġiljan. Ix-xahar irid jiġi jaqra Jannar.

[11] Diminuttiv ta' mirkeb. Skont Guido Lanfranco din tkun bħal ċattra żgħira bi qlugħ ċkejken għal fuq il-baħar magħmula mill-qasab imsallbin. Mal-qiegħ tagħha jiddendlu wkoll is-snanar biex bihom jinqabdu l-ħut żgħir u kbir. Għalkemm wieħed jista' joħroġ 'il barra biha, l-imrejkba xorta waħda tibqa' marbuta mal-blat. (Lanfranco Guido: *Drawwiet u tradizzjonijiet Maltin*. Pubblikazzjoni: PIN 2001)